**Minuti tal-423 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar
il-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2013**

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Quinton Scerri ppresieda l-laqgħa.

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur John J Pace u s-Sur Joseph Agius.

Il-Viċi Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sinjuri Joseph Vella, Mark Grech, Marc Vella Bonnici u Brian Spiteri kienu skużati.

Item 1 – Ħatra ta' Ambaxxatur/Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Is-Sindku rrefera għal Memo 26/2013 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ħatra ta' Ambaxxatur/Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ u qal li din il-laqgħa b'urġenza qed tissejjaħ biex issir din il-ħatra.

Is-Sur Joseph Buttigieg ippropona lis-Sur Martin Busuttil biex jinħatar Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ. Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat lis-Sur Buttigieg iżda din il-proposta m'għaddietx b'żewġ voti favur u erbgħa kontra.

Fuq proposta ts-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici l-Kunsill qabel b'erba' voti favur u żewġ voti kontra li s-Sinjorina Ghislaine Buhagiar tinħatar bħala Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-424 laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 14 ta’ Novembru 2013.

Quinton Scerri
Sindku